*Diskors tas-Sur Anthony Briffa, fl-okkazjoni tal-Laqgha Generali 2004, tal-Fondazzjoni ghall-Accessibilita' fl-Informatika (FITA)*

Eccellenza, Sinjura Fenech Adami, Onorevoli Ministru, Sinjuri,
Ninsab hawn il-lum, nindirizzakom, grazzi ghas-solidarjita qawwija li tigri fil-vini taghna l-Maltin kollha. Dan jixduh is-successi tad-diversi sejhiet ghal-ghajnuniet li niltaqghu maghhom matul is-sena, sahansitra ukoll meta xi kalamita tolqot l-iktar post remot fid-dinja - arana nigbru, hwejjeg, ikel, toys ghat-tfal milquta, etc etc.

Izda, dan huwa bizzejjed? Qeghdin, tabilhaqq niedu hsieb il-bzonnijiet ta' dawk fostna, li huma milquta min xi sfortuna, forsi, lanqas huwa tord taghhom jew tal-modd kif ghexu jew qedin jghixu?

Fl-opinjoni umli tieghi imxejna hafna il-quddiem f'dan r-rigward. Izda it-triq f'din il-mghodija kollha hurrieq, xewk u hotob hija twila, kifra, imweghra u fuq kollox ghat-tela.

Meta jien spiccajt l-iskola, ilu kemm xejn, fl-1966, dlonk bdejt nahdem mal-privat, wara xejn irnexxili, ta' zbatax l-sena, nidhol fic-civil, fejn imxejt il-quddiem f'karriera twila sittax il sena. Fi zminijiet, forsi l-aktar ibsa, hadd id-decizjoni li kellha tibdilli hajti. Tlaqt ghal-onq triq in-negozju. Ghal aktar minn tlieta u ghoxrin sena, ghelibt l-ismra kollha li ltqat maghhom, rabbejt familja u nirringrazzja lil Alla, konna kollha kuntenti. Sahansitra, kont wghidt lili n-nifsi, li nieghqaf mix-xoghol ghal-eta ta 45, l-aktar 48.

Izda kif jghid il-Malti il-bniedem jipproponi w Alla jidisponi. Malli lhaqt l–eta ta' 48, hakmitni il-marda tad-dajabete, illi gelitni nissielet mhux ftit biex ma nitlifx id-dawl ta'ghajnejja. Izda id-destin jrid , meghjun, bil-bosta, mill-infami falliment tal-Price Clubs, u xi Discount Stores kbar ohrajn, li graw – b'kumbinazjoni, f'daqqa, illi dak li b'tant gharaq ta' gbini u dak ta' familti, bnejna, spicca u tar mar-rih.

Ilni niggielet ghal-aktar min seba' snin ma din il-marda. Il-lum inhoss illi bl-ghajnuna ta'Alla, gheliptha, ghalkemm ma nistax inzarma il-harsin mir-riperkussjonijiet li d-dajabete taf taghmel jekk tirhilha.

F'din il-glieda ibsa, jien sibt ruhhi bla xoghol, qisni bniedem bla ebda kapacitajiet, u dan wara karriera twila bhal ma lissint aktar kmieni. Karriera li tant zammitni biezel, tant holqot xoghol, mhux biss ghalija w ghal-membri tal-familja tieghi, izda sahansitra ghal aktar minn 15 il haddiem iehor.
Sibt ruhhi,niggielet biex inhares w insalva id-dawl ta'ghajnejja, b-erba' u ghoxrin siegha kulljum f'idi, minghajr ma nista napplikhom, ghaliex lanqas nimxi wahdi ma kont kapaci, ahseb w ara, per ezempju, naqra, nara it-television, nilghab man-neputiji .

Taht dawn iz-zminijiet koroh, f'din il-fazi sewda ta hajti, marti, darba fost l-ohrajn, semghet fuq programm tat-television, bil Mitts, bil Fita w is-servizzi li jofru. Jien dlonk ftakart, kemm fit-tfuliti, kont tghallimt, tant tajjeb, it-typing. Iltqaghajt u tkellimit, mas-Sur Stanley DeBono, u minufih, irrangali biex nibda kors tal-computer, that it-tregija tas-Sur Michael Micallef. Irrid infakkar illi, ghalkemm, nidher li maghandi xejn, jien, qajla nara. Il fatt li ma stajtx naqra u nikteb, kien qed jiflini u jirrendi zejjed f'wicc din id-dinja.

Grazzi ghall-Fita, min waqqafha u min tant tajjeb imexxijha, il-lum sibt ruhi lura nghix fid-dinja ta madwari, fid-dinja li naf, fid-dinja tax-xoghol, ghalkemm mghandiex xoghol, - min ser jaghti xoghol lill-bniedem ta' erba' u hamsin sena - ghalkemm b'sahha ta' ljun, u dan ghaliex bil-computer li ghalmuni il-Fita, nista, mhux biss naqra w nikteb, izda sahansitra, nzomm ruhi infumat fuq dak kollu li qed jigri ma' dwari. U aktar, irnexxili napplika u naghmmar dak kollu li tghatni il-hajja, fi progett ta' manufattura, li, sfortunatament, la sibt wens u lanqas l-ghajnuna mehtiega sabiex naghtwa dan il-progett hawn Malta u kelli incedi aktar minn nofsu favur il-barranin, biex b'hekk jitwettaq f' pajjiz mhux tant il-boghod minn art twelidi. Il-lum qabad l-art, u, fi zmien qasir, jibda jirrendi sostanzjalment, mhux biss ghas-soci, izda ghar-regjun fejn twaqqaf dan il-progett.

Ippermettuli, nirringrazja lill-Fita, ghal-fatt illi jien, il-lum qieghed insegwi it-tieni sena tad-Diploma Course fil-Management, fl-Universita ta Malta. Qatt il-lum xi hadd jista jidhol l-Universita bla ma jkun jaf juza sewwa, il-Computer ?

2.

Dak li x-xoghol impenjattiv tieghi, impedin milli naghmel, ghaliex qatt ma kelli zmien nitghallem il-computer, ghamiltu taht kundizzjonijiet aktar ibsa karetterizzati minn mard kifer, izda minn volonta soda u, l-aktar ghaliex sibt is-solidarjieta u mhux biss, izda l-ghajnuna morali u fizika minn nies dedikati bhal ma hemm fil-Fita.

Ma nistax ma nappellax, f'okkazjoni bhal din, fil-prezenza ta' l-Eccellenza tieghu, Il-President ta' Malta, Dr Edward Fenech Adami, is-Sinjura Fenech Adami, l-aktar fil-kapacita taghha bhala Chairwoman tal-Community Chest Fund, u tal-Ministru ta' l-Investiment u Informatika, Dr Austin Gatt, sabiex jigu provduti fondi, aktar sostanzjali, lill-Fita u/jew lill-Mitts.

B'hekk biss il-Fita tkun tista' timrah u tfittex tizviluppa u twitti toroq, tabilhaqq kifra, ghal cittadini huti, li bhali sabu rughhom f' diffikultajiet, forsi mhux daqs tant tord taghna, li izda jhallulna toghma tant qarsa tal-hajja, u li, bis-sagrifici, dedikazjoni u xoghol ibes ta' nies bhal ma hemm fil-Fita u fil-Mitts, meghjuna bil-fondi hekk bzonnjuzi, jistaghu itaffulna dik it-toghma qarsa .

Minn nahha ta' nies bhali illi, permezz tal-Fondazzjoni Fita, irgajna sibna skop fil-hajja tant sabieha li silifna Alla, sgur, illi sehemna ntuh mill-ahjar li nistghu u

skond il-mezzi limitati tghana - jekk xejn, bis-sodisfazzjon tar-rizultati li niksbu, grazzi ghad-dedikazjoni ta' l-ghalliema taghna.

Prosit u Grazzi, lill-dawk kollha involuti mal-Fondazzjoni, lill-Eccellenza Tieghu Il-President w is-Sinjura Fenech Adami, lill-Ministru Austin Gatt, u fl-ahhar izda mhux linqas, lillkom, Sinjuri li b'pacenja kbira dortu mieghi biex tisimghu il-fatti tieghi.